MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Numru. 409/2007

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'
VS
CARMELO CUSCHIERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmelo Cuschieri, ta' 71 sena, bin Clemente u Giovanna nee' Mifsud, imwieled Zebbug fl-14 ta' Settembru 1935, u residenti f'31, Triq Sant'Antnin, Zebbug, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 642035(M);
u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-2 ta' Marzu 2007, b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew

helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe' certifikat tal-VRT falz.

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn minhabba l-kariga jew l-impjieg taghhom, kienu fid-dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikat, u ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, u cioe' certifikat tal-VRT falz.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ghamlu falsifikazzjoni fi skrittura privata, li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, u cioe' certifikat tal-VRT falz.

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lil-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u cioe' certifikat tal-VRT falz.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fit-3 ta' Marzu 2007, saq vettura ta' l-ghamla Peugeot 205 bin-numru tar-registrazzjoni HAS 297, minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar riskji ta' terzi persuni.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita', tordna li l-akkuzat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux inqas minn tnax-il xahar, ai termini ta' l-Artikolu 3(2A) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk

kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 10) u tal-imputat (a fol 14) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 13).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 42, 183,185, 187 tal-Kap 9, Artiklu 15 tal-Kap 65, Artiklu 3 tal-Kap 104 u Art 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci tal-kaz, inkluz l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-eta' tieghu, u l-fatt illi l-imputat ghandu wild b'dizabilita'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------